Minuti tat-tlieta u għoxrin laqgħa tas-sitt leġislatura li nżammet nhar il-Erbgħa, 6 t'April 2011 fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

Preżenti: Dr. Samuel Azzopardi Sindku, Marcell Tabone Vici Sindku, Joe Debrincat, Josef Schembri, Michel Buttigieg u Camelo Theuma.

1.0 Talba.

1.1. Is-Segretarju qal it-talba.

2.0 Minuti

2.1 Il-minuti ta' l-aħħar laqgħa ġew approvati.

3.0 Attivitajiet Kulturali fir-Rabat.

3.1 Il-preżenti ddiskutew l-attivitajiet li ser jiġu ċċelebrati matul is-sena. Il-Kunsill ivvota somma ta' sitt'elef euro ghal dan il-għan.

4.0 Sotto Kumitati tal-Kunsill.

4.1 Il-preżenti iffurmaw il-kumitati skond artikolu 47 ta' l-ordinanza tal-Kunsill.

a. Kumitat Proġetti, |vilupp u Infrastruttura:

Dr. Samuel Azzopardi Sindku, Dr. Michael Portelli, Michel Buttiġieġ, Marcell Tabone u s-Segretarju.

b. Kumitat Sports:

Dr. Samuel Azzopardi, Joe Debrincat, Carmelo Theuma u Maria Buttiġeiġ.

c. Kumitat Relazzjonijiet Pubblici

Dr. Samuel Azzopardi, Dr. Michael Portelli u Josef Schembri.

d. Akkademja Belt Victoria:

Dr. Samuel Azzopardi, Dr. Michael Poprtelli, John Cremona Joe Camilleri, William Portelli, u Josef Schembri.

e. Kumitat Accounts.

Dr. Samuel Azzopardi, Marcell Tabone, Nancy Grech, Accountant tal-Kunsill u s-Segrertarju.

Għal dawn il-laqgħat il-Kunsillieri kollha jistgħu jattendu.

5.0 Rampa quddiem il-clinic tar-Rabat.

5.1 Is-Sur Buttigieg wassal talba mill-uffiċċju tal-clinic tar-Rabat fejn talbu ghal rampa ta' wisa' żewġ piedi għall-persuni inqas ixxurtjati. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li jinforma l-perit tiegħu.

6.0 Korrispondenza

6.1 Is-Sindku ppreżenta li-statement finanzjarju għas-sena 2010. Saret diskussjoni twila fuq is-suġġett u ġew sollevati bosta diffikultajiet u mistoqsijiet. Dan ir-rapport suppost kellu jkun ippreżentat lill-Gvern matul Jannar 2011, iżda minħabba diffikultajiet minn naha ta' l-istaff kellu jittardja daqshekk. Is-Sindku informa lill sħabu li l-Kunsill jista' jkollu iħallas penali u xi ħadd irid jirrispondi għal dan id-dewmien. Marcell Tabone insista li għandhom jittellgħu l-kontijiet kollha li tħallsu biex il-Kunsill ikun infurmat x'wassal għal dan l-isbilanc matul l-aħħar snin. Michel Buttiġieġ ammetta li d-dejn preżenti ġej minn kunsilli preċidenti għax aħna għadna m'għamilna ebda proġett infrastrutturali ħlief ħallasna id-djun.

6.2 Waslet ittra mingħand il-Kap ta' l-iskola tal-Konservatorju ta' l-Isqof fejn dan ilment dwar ipparkjar ta' karozzi quddiem it-triq dejqa ta' l-iskola. Dan talab biex teħel taqbella *"Keep clear"*. Talab ukoll biex jiġu riservati tliet parking areas għal ġenituri li għandhom it-tfal inqas ixxurtjati li jiffrekwentaw din l-iskola tal-Kunservatorju. Il-Kunsill qabel illi ssir il-"keep clear" u li jkun hemm *parking place* wieħed riservat.

6.3 Dan il-Kunsill ġie infurmat mill-Kumitat Għall-ismijiet tat-toroq għal Għawdex li l-isem tat-triq Fortunato Mizzi bil-kemm għadu jidher. Dan ġie mitlub biex dan l-isem jerga' jsir.

6.4 Il-preżenti iddiskutew u appruvaw il-programm tal-mawra tagħhom l-Italja – Grand Tour of Taste 2011. Qablu ukoll li bħala compliment lill Ian Bajad talli għen fit-tfassil u stampar tal-programm, jiġi mistieden biex jakkumpanja lill-Kunsill fil-ġita għall Italja.

6.5 Is-Sindku qara petizzjoni dwar Triq Vajarinġa sottomessa u ffirmata minn residenti ta' l-istess triq dwar kemm intlaqtet ħażin din it-triq meta it-traffiku it-tqil ġie pprobit milli jidħol ir-Rabat minn Triq ir-Repubblika. Kompla jgħid li din kienet deċiżjoni tal-Kunsill u ntlaqtet tajjeb mir-residenti tar-Rabat in ġenerali. Il-preżenti qablu li għandhom jibqgħu jonoraw id-deċiżjoni li kienu ħadu.

6.6 Is-Sindku esebixxa l-pjanta ta' l-uffiċċju l-ġdid fis-sular t'isfel tal-Banca {iuratale. Il-Kunsill qabel li għandhom joħorġu l-offerti relatati max-xogħol ta' dan il-proġett.

6.7 Il-Kunsill ġie infurmat li persuni Maltin esperti fil-qasam tar-restawr ġew Għawdex biex isegwu x-xogħol ta' restawr li qed isir fuq l-istatwa ta' San {orġ tal-}agar. Ma waslu ebda lmenti minn naha tagħhom.

6.8 Dwar il-konsum fil-kurrent fil-main tad-dawl tal-Kunsill intlaħaq ftehim li tinkiteb ittra lill- Ministru tal-Finanzi u c-Chairman għas-Servizzi ta' l-Ilma.

6.9 Il-*Manager Enforcement & Operations – Gozo*, s-Sur Ruben Said, informa lill Kunsill dwar tibdil proviż orju fit-tabelli tat-traffiku fi Triq Sir Luiġi Camilleri minħabba

devjazzjoni fit-traffiku meta jibda 'l proġett ta' kisi bit-tarmac Triq Mgarr/Xewkija. Il-Kunsill ser jitlob lill-*Manager* meta ser jibda' u jispiċċa dan ix-xogħol.

6.10 Is-Sindku nforma lill preżenti dwar iċ-ċerimonji li ser isiru fl-għeluq il-50 sena minn meta twaqqaf il-Kunsill ~iviku t'Għawdex. Iċ-ċerimonji ser jiġu organiżżati f'dan l-Uffiċċju fejn dan il-Kunsill kien jattwa d-doveri tiegħu. Ser teħel ukoll skrizzjoni f'dan l-uffiċċju li tikkomemora dan l-avveniment.

6.11 Waslet ukoll kopja ta' ittra ppubblikta fil-medja lokali dwar il-fondi ta' dan il-Kunsill. Peress li din l-ittra hija anonima, il-Kunsill ma ħass li għandu jirrispondiha iżda jelabora fuqha fl-ewwel leaflet li ser jippubblika.

6.12 Is-Sindku ppreżenta lista ta' toroq fir-Rabat u l-ġranet li fihom dawn qed jinkinsu. Din il-lista ser titqassam lill-Kunsillieri kollha.

6.13 Is-Segretarju {enerali ta' *Emergency Response & Rescue Corps* fergħa t'Għawdex infurmat lill-Kunsill bil-għajnuna li din ser tibda' torganiżża għajnuna umanitarja u għajnuna oħra mitluba miċ-ċittadin. Din l-għaqda ser torgażża ukoll korsijiet għall-pubbliku bħal *First Aid* u oħrajn. Il-preżenti talbu laqgħa magħhom.

6.14 Is-Sindku informa lill sħabu li hu ssottometta *Project Proposal form* fejn wera' fehemtu li l-Kunsill jixtieq japplika għall-fondi mill-*European Agricultural Fund for Rural Development – Measure 313* għal-*refurbishment* tal-Playing Field. Il-preżenti ma sabux oġġezzjoni.

6.15 Is-Sur Brian Cardona ta' Electro Waste Malta Ltd. Informa lill dan il-Kunsill li hu jirrapreżenta kumpanija ġdida li tirriduci l-iskart billi jagħmlu '*reuse and recycle'* ta' skart. Din il-kumpanija tissepara kull tip ta' oġġett elettroniku u ġbir ta' ħwejjeg li m'għadhomx jintużaw. Membri minn din il-kumpanija tixtieq tiltaqa' ma dan il-Kunsill.

6.16 Dr.Joseph Bezzina, *Assistant National Archivist Gozo Section* informa lill Kunsill bl-attivitajient li ser iseħħu biex jiġi kkommemorat għeluq il-50 sena minn meta twaqqaf il-Kunsill Civiku t'Għawdex. Dan talab is-somma ta' ħamsa u sittin euro lill kull Kunsill bħala għajnuna għal dan il-għan. Bħala tpattija dan, il-Kumitat ser jistampa kartolini bl-armi tal-lokalitajiet u ser jingħataw sett ta' 20 kartolina b'tifkira u ħamsin kartolina lill kull Kumitat Amministrattiv. Il-preżenti qablu mas-suġġeriment.

6.17 Waslet talba mingħand Anthony Portelli biex teħel tabella un/loading quddiem id-dar tiegħu. Il-Kunsill għadda dan l-ilmen lil -Transport Malta.

6.18 Il-prezenti ma sabux oggezzjoni li jagħtu permess biex l-iscount Group tax-Xaghra jorganiżżaw *car wash* ħdejn l-Arkadia nhar is-Sibt, 30 t'April 2011.

7.0 Materji oħra.

7.1 Saret diskussjoni dwar il-funtana fi Pjazza San {orġ. Il-preżenti ma qablux li dan il-proġett isir kif kien ipjanat mill-Kunsill preċidenti iżda isiru *spouts*. Il-Kunsill qabel li jinforma lill-perit b'din id-deċiżjoni.

7.2 Joe Debrincat talab li teħel bozza ġdida fi Triq Arcipriet Cassar fejn hemm ħafna dlamm. Dan ilmenta ukoll dwar il-kwantita' ta' karozzi li jipparkjaw ġo fiha tant li ħafna mill-madum inkiser. Il-Kunsill qabel li jibgħat warden biex jaqta dan l-abbuż.

7.3 Il-preżenti qablu li jsiru tiswijiet proviżosrji lill Triq San Gorg peress li hija ta' periklu għar-residenti u għal kull min jgħaddi minnha.

7.4 Il-Kunsill qabel li joħorġu *quotations* għal xogħlijiet fit-Triq Pompei u Triq Sebgħa ta' {unju.

Il-laqgħa ġiet aġġornate għal nhar il-Erbgħa, 4 ta' Mejju fil-5 ta' wara nofs in-nhar.

Samuel Azzopardi — Anton Zammit

Sindku — a/Seg. Eżekusttiv